

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/952**tat-12 ta' Mejju 2023****li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1321/2013 fir-rigward tal-isem tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-prodott primarju ta' taħwir bl-affumikazzjoni "Tradismoke™ A MAX" (kodiċi uniku SF-007)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2065/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Novembru 2003 dwar it-taħwir bl-affumikazzjoni użat jew intiż għall-użu fl-ikel jew fuq l-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2022 tressqet applikazzjoni fisem Nactis ("l-applikant") f'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 2065/2003, titlob bidla fl-isem tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-prodott primarju ta' taħwir bl-affumikazzjoni "Tradismoke™ A MAX" elenkat fit-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2013 ⁽²⁾.
- (2) Fl-applikazzjoni, l-applikant iddikjara li l-awtorizzazzjoni għall-prodott primarju ta' taħwir bl-affumikazzjoni "Tradismoke™ A MAX" kellha tiġi trasferita lil JRS, J. Rettenmaier & Söhne GmbH & Co. KG. B'appoġġ għad-dikjarazzjoni tiegħu, l-applikant ipprova evidenza tal-kunsens tal-partijiet għat-trasferiment fir-rigward tal-prodott primarju ta' taħwir bl-affumikazzjoni "Tradismoke™ A MAX".
- (3) Il-bidla proposta tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għandha natura purament amministrattiva u għalhekk ma tehtiegħ valutazzjoni ġdida tal-prodott ikkonċernat.
- (4) Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1321/2013 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (5) Biex tkun żgurata tranżizzjoni bla xkiel, jixraq jiġi previst li l-prodott primarju ta' taħwir bl-affumikazzjoni "Tradismoke™ A MAX", it-tahwiriet bl-affumikazzjoni derivati minnu u l-ikel li fih il-prodott primarju ta' taħwir bl-affumikazzjoni jew it-tahwiriet bl-affumikazzjoni derivati minnu, li jkunu konformi mar-regoli li japplikaw qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Emenda għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1321/2013**

Fit-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1321/2013, l-entrata dwar il-prodott primarju ta' taħwir bl-affumikazzjoni "Tradismoke™ A MAX" (kodiċi uniku SF-007) hija emendata kif ġej:

- (1) fit-tielet ringiela "isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni", il-kelma "Nactis" hija sostitwita bil-kliem "JRS, J. Rettenmaier & Söhne GmbH & Co. KG";

⁽¹⁾ ĠU L 309, 26.11.2003, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2013 tal-10 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi l-lista tal-Unjoni ta' prodotti primarji awtorizzati ta' taħwir bl-affumikazzjoni għall-użu bħala tali fl-ikel jew fuq l-ikel u/jew għall-produzzjoni ta' taħwir bl-affumikazzjoni derivati (ĠU L 333, 12.12.2013, p. 54).

- (2) fir-raba' ringiela "indirizz tad-detentur tal-awtorizzazzjoni", il-kliem "36, rue Gutenberg – ZI La Marinière, 91070 Bondoufle, FRANCE" huwa sostitwit bil-kliem "Holzmühle 1, 73494 Rosenberg, GERMANY".

Artikolu 2

Miżuri tranżizzjonali

Il-prodott primarju ta' taħwir bl-affumikazzjoni "Tradismoke™ A MAX" elenkat fit-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1321/2013, it-taħwiriet bl-affumikazzjoni derivati minnu u l-ikel li fih il-prodott primarju ta' taħwir bl-affumikazzjoni jew it-taħwiriet bl-affumikazzjoni derivati minnu, li jiġu prodotti u tikkettati qabel l-4 ta' Ġunju 2023 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel l-4 ta' Ġunju 2023 jista' jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidher fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Mejju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN